Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAT-TIELET LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 10 ta' Gunju 2015 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 7.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA- SC |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI - MS |
| | | |
| **Kunsilliera** | Sinjura | MARISA ABELA- MA |
| | Sur | RAYMOND AZZOPARDI- RA |
| | Sur | RALPH CASSAR- RC |
| | Sur | JOHN DEBONO- JD |
| | Sur | ALEX MANGION- AM |
| | Sinjura | CONNIE SCERRI- CS |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD- SE |

Kulhadd kien prezenti ghall-bidu tal-laqgha bl-eccezzjoni tas-Sinjuri MS u AM li waslu ftit tard

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI**
   Approvati unanimament.

2. **PUNTI MQAJJMA**
   Ma kienx hemm punti mqajjma.

3. **KORRISPONDENZA**

   Is-Sur MS wasal f'dan il-mument.
   Giet imressqa din il-korrispondenza:

   - Proposta mill-Perit Dieter Falzon fuq skema tat-traffiku ta' Triq Santa Katerina sabiex titnaqqas il-velocita' eccessiva. Is-Sur RC propona li jigu nkluzi l-konok filwaqt li s-Sur JD saqsa jekk hux ha jkun affettwat il-parkegg. Din il-proposta sa tintbaghat lill-TM u jekk TM taqbel fil-principju jsiru pjanti kif suppost *to scale.*
   - E-mail minghand Joe Sciberras sabiex issir plakka kommemorattiva f'gheluq il-25 mill-wasla tal-Papa Gwanni Pawlu II. Is-Sur SC propona li jingabu stimi sabiex l-ewwel wiehed jara kemm hi l-ispiza. Kulhadd qabel.
   - Talba ghall-ghajnuna finanzjarja sabiex jingabu wardens waqt it-tlugh ta' murtali fil-granet tal-festa. Din l-ispiza li tammonta ghal xi €300 giet approvata.
   - Talba sabiex isir studju fuq il-konsenturi tal-Kappella ta' San Pawl li tul is-snin il-Kunsill ta' sehmu fir-restawr taghha. L-ispiza hija ta' €625.46. Il-Kunsill iddecieda li jaghti s-sehem tieghu bin-nofs cioe' €325.46 jekk l-ispiza ma tigix approvata mir-Regjun, imma jekk tingab approvazzjoni mir-Regjun, l-ispiza tinhareg kollha mill-fondi tal-istess Regjun.

   Is-Sur AM dahal f'dan il-mument.

4. **RAPPORT TAL-AWDITUR – RISPOSTA TAS-SINDKU**
   Is- SE qrat ir-Risposta tas-Sindku u spjegat punt punt dak li kien qed jintqal fiha, kif ukoll ghall-beneficcju tal-Kunsilliera l-godda spjegat ukoll xi punti mill-Management Letter sabiex kulhadd ikun infurmat. Saru xi mistoqsijiet sabiex wiehed ikollu iktar stampa cara

u wara l-Kunsill qabel li din ghandha tintbaghat hekk kif preparata. Ir-riposta giet iffirmata mis-Sindku.

## 5. TENDERS AGGUDIKAZZJONI

Is-SE spjegat kif il-Kunsill hareg sejha ghall-Offerti ghal dawn it-Tenders:
ALC 01/15 Services of a Qualified Accountant
ALC 02/15 Collection of Household and Commercial Waste in an Environment Friendly Manner
ALC 03/15 Printed Material

Is-Sur SC ssuggerixxa li nibdew mit-Tender tal-Gbir ta' Skart ALC02/15 .
Is-SE spjegat kif offerti ghal din it-tender gew mitfugha tnejn minn Mario Vella/Adrian Vella obo SRF and Veladrians u Mario Muscat obo Waste Collection.
L-offerti ghal din it-Tender kienu €550 Year 1 SRF and Veladrians u €403 Year 1 Waste Collection.
Hi spjegat ukoll kif waqt skrutinju tat-Tender tal-Gbir ta' Skart innutat ittra ta' referenza tal-Kunsill Lokali Lija precizament identika *word by word* bhal dik tal-Kunsill Lokali Valletta. Kien ghalhekk li hi ddeciediet li tikteb formalment lis-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Lija u r-risposta li inghatat lura mis-Segretarju Ezekuttiv, Georgette Borg, kienet li din l-ittra qatt ma nharget mill-Ufficcju taghhom u iktar minn hekk il-firma taghha giet b'xi mod ikkupjata w'ghaldaqstant iffalsifikata minhabba li mhix originali mill-pinna taghha.

Meta hi kompliet tifli t-tenders irrizulta wkoll, kompliet is-Segretarju, li l-ebda ittra ta' referenza li ntefghet fil-pakkett tat-tender immarkat originali ma kienu originali imma d-dokumentazzjoni kollha kienet jew scanned jew photocopy bil-kulur. Ghal kuntrarju d-dokumentazzjoni tal-Kuntrattur l-iehor SRF and Veladrians kienet kollha originali.

Il-Kunsill iddeplora dan l-agir min-naha tal-kuntruttar Waste Collection specjalment fejn kien hemm konferma bil-miktub li ittra giet iffalsifikata ghal dan l-iskop u li jista' jkollu konsegwenzi legali.

Is-SE kompliet li biex tkun iktar certa min dak li qed tghid hi harget sejha ghal tiftix ta' evalwatur tat-tender. Kienu bosta dawk li urew interess. Is-SE ghazlet tlieta *at random* u fost dawn it-tlieta gie msejjah is-Sur Alfred Triganza ta' Atriga Consult, li fil-passat kien jifforma parti mill-Bord tal-Evalwazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Hi qalet li hejjiet id-dokumentazzjoni kollha taz-zewg tenders lis-Sur Triganza u primarjament esponietlu l-kaz tal-ittra ta' referenza falsifikata u li d-dokumentazzjoni kollha kienet ikkupjata u mhux originali kif mitlub. Hu wiegeb li galadarba hemm dokument jew dokumenti li b'xi mod mhumiex konformi ma' dak mitlub u hemm xi forma ta' abbuz fihom, din it-tender ghandha tigi skwalifikata w'ghaldaqstant rejected minghajr l-ebda bzonn li jsir rapport ta' evalwazzjoni ghax awtomatikament il-bidder li jmiss, jekk ikollu kollox sew, jikkwalifika awtomatikament. Il-bidder l-iehor SRF and Veladrians kien konformi ma' dak kollu mitlub fit-tender.

Ghaldaqstant wara dan kollu l-Kunsill unanimament qabel li t-tender ta' Waste Collection mhix valida u ghandha tigi *rejected*. It-Tender ghal Collection of Household and Collection Waste in an Environmental Friendly Manner giet aggudikata lill-SRF and Veladrians.

Services of a Qualified Accountant ALC 01/15
Arthur Turner €2650, €1850
Nexia BT Consulting €6450, €4050
3A Malta Limited €6690, €4900
Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat kif minhabba li hemm differenzi fil-prezzijiet hi marret ticcekkja l-Management Letter ta' Kunsilli ohra minhabba esperjenza.

Fil-fatt il-management letter ta' zewg kunsilli partikulari cioe' Pieta u Bormla fir-rigward ta' Nexia BT kienu 18 u 17-il pagna rispettivament. Is-SE kompliet li fir-rigward ta' Turner ma setghet issib xejn li jtik referenza ta' xoghol go Kunsilli Lokali. 3a Malta Limited li huma l-kuntratturi prezenti ghandhom bosta Kunsilli fosthom Qormi u B'Kara u esperjenza ta' awditjar ta' hames snin ta' terz tal-Kunsilli Lokali ta' Malta.

Il-Kunsill qabel li t-tender ghandha tinghata lill-3A Malta without inputting, biss meta s-Segretarja tigi darha mal-hajt tista' tuza l-optjoni l-ohra.

ALC 03/15 Printed Material
Il-Kunsill fela ir-rati u gie deciz li din it-tender ghanha tinqasam u jinghata l-iprintjar tal-Kalendarju u certi affarijiet lill-Union Print filwaqt li l-kumplament tal-ipprintjar jinghata lill-Datagraphics.

**6. APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI**

Approvati

**7. APPROVAZZJONI TA' RAPPORT TAL-KWART TAS-SENA JAN - MAR 2015**

Approvati wara li saru xi mistoqsijiet mis-Sur MS fir-rigward ta' bilanci. Hu qal li ghalkemm hemm xejra pozittiva xorta jixtieq jiccekkja ulterjorment is-sitwazzjoni fil-kwart li jmiss. Is-SE qalet li hi tinsab certa li x-xejra hi pozittiva. Il-bilanci juru negattivita mihabba l-ammonti kbar pendeti tal-hlasijiet dovuti minn DLG lill-Wasteserve li jammontaw ghal xi €45000 li qeghdin riflessi fil-kotba tal-Kunsill bhalha ammont dovut. Kif tnehhi dawk ix-xejra hi totalment differenti. Barra min hekk hi sostniet li bhalha hlasijiet mhix qeghda lura u kull xahar mal-laqgha tal-Kunsilli thallas l-invoices kollha fil-kaxxa u li jibqa' jkunu dawn migmugha ghal-laqgha li jmiss.

**8. AFFARIJIET OHRA**

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Talab lill-Kunsill jikkunsidra ghax-xiri d-dar ta' Philip Camilleri. Is-SC qal li ga hemm decizjoni fuq tender mitfugha li l-Kunsill ha jmur ghall-irrangar tal-premises fuq l-Attard Football Club. Is-Sur Zammit qal li decizjoni tista' tigi riveduta pero'. Is-Sur JD qal li jekk tikkalkula l-interessi u r-rati fuq xiri mizerjament dal-post ha jigi jiswa l-Kunsill mal-€960,000 meta kompla s-Sur RC b' €150,000 jfieq ghal 20 sena l-Kunsill ifieq. Is-Sur RA qal li hu kontra l-kera in principjo.
- Talab lill-Kunsill jikkunsidra li jsiru l-bankini ta' Triq Victor Vassallo. L-ispiza ha tiddahhal fil-budget tas-sena d-diehla.
- Talab biex tigi kkunsidrat li Triq San Anton quddiem il-Kitchen Garden tigi one-way lejn Hal-Lija u dan minhabba l-kongestjoni li jkun hemm kuljum. Is-Sur SC qal li dik il-parti diga' kienet saret one-way f'xi hinijiet imma tqajjem argument shih ghax oggezzjonaw iz-zewg kunsilli l-ohra. Infatti fil-bidunett kienet Transport Malta stess li approvat it-tabella bil-vlegga lejn iz-zewg nahat ghall-hrug minn Triq il-Ponsjetta u t-toroq ta' fuq.

Is-Sur RC ressaq dawn il-punti:

- Qal li tkellu mas-Sinjura Gabby Mallia rigward xi EU Funds u propona li l-Kunsill jitlob kwotazzjonijiet ghall-EU Fund Consultant.
- Fakkar fuq il-gbir ta' hwejjeg is-Sibt, 13 ta' Gunju.
- Fakkar fuq Eco-Festa biex il-Kunsill jibda jahseb minn issa.
- Li l-Project Co-ordinator jibda jdur it-tabelli li hemm iccarati u spiccuti.

Is-Sur AM ressaq dawn il-punti:

- Li hu u RC iltaqghu mas-Perit Edward Said u li qed jistennew l-approvazzjoni ghar-restawr tal-*enbankment* fit-22/06/2015
- Saqsa kemm hemm lampi dekorattivi fir-rahal. Is-SE qalet xi 290.

Is-Sur JD ressaq dawn il-punti:

- Saqsa ghala gew mizbura s-sigar ta' Gnien l-Istazzjon daqshekk bil-goff li gabuhom zkuk biss. Is-SE qalet li kien hemm ilment min-naha ta' residenti ta' Roseville li s-sigar kienet qed jaghtulhom l-arja u d-dawl. Hi qalet li darb'ohra titlob approvazzjoni tal-Kunsill.
- Talab li jitmexxa doggy bin minn wara ċ-cint fi Triq Kananea. Is-SE qalet li ha ticcekkja.

Is-Sinjura CS ressaq dawn il-punti:

- Qalet li ha tattendi laqgha tal-Animal Welfare fl-4 ta' Lulju 2015.
- Saqsiet fuq l-iskip fi Triq Frans Dingli. L-iskip ghandha titpogga lura fuq il-kaxxa s-safra.

Is-Sur RA ressaq dawn il-punti:

- Saqsa dwar l-artiklu tar-Rivista. Is-SE qalet li d-*deadline* hi l-ewwel gimgha ta' Lulju. Is-Sur MS saqsa fuq artiklu li deher fuq il-Magazine tal-Air Malta sabiex jinghata *accreditation* fil-fuljett taghna lil min kitbu.

  Il-laqgha giet aggornata ghall-Erbgha,8 ta' Lulju 2015 fil-5.30 ta' filghaxija.

________________________ ____________________

Sindku Data